MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Numru. 582/2001

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR JEFFREY CILIA)**

**VS**

**GEORGE TANTI**
**BRIAN MALLIA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati George Tanti ta' 18-il sena iben Angelo u Doris nee' Mangion imwieled Pieta' fil-25 ta' Settembru 1983 u residenti 79, Triq Bajjada, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 493683(M) u Brian Mallia iben Louis u Alfrida nee' Borg imwieled Pieta' fil-11 ta' Lulju 1974 u residenti 79, Bajada Street, Zabbar u detentur tal-

karta ta' l-identita' numru 321374(M) li gew mressqin quddiemha akkuzati talli:

1. Fl-4 ta' Frar 2000 f' xi hin wara nofs in-nhar gewwa Haz-Zabbar ikommettew serqa ta' soma flus li tammonta ghal Lm40 u kwantita ta' cosmetics li tammonta ghal madwar Lm250 minn gewwa l-fond KGM Bazaar li jinsab Haz-Zabbar ghad-detriment ta' Assunta Paris liema serq huwa aggravate bil-mezz u bil-valur.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u liema hsara tiskorri l-Lm10 izda mhux aktar minn Lm50 u dan ghad-detriment ta' l-istess Assunta Paris.

3. F'dawn il-Gzejjer nhar 4 ta' Frar 2000 u fiz-zminijiet ta' wara, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwisti b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom

U Brian Mallia wahdu

Talli sar recidiv ghat-termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 b' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 16/8/91 (Hall J), 7/7/94 (Hall 5), 29/10/99 mill-Magistrat Antonio Mizzi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Novembru 2001 (inserit a folio 20 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jinstemghu bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2001 l-imputati taw il-kunsens tagghom sabiex il-kaz taghhom jinstema' bi procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Brian Mallia hekk kif registrata fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2008 ghall-akkuzi kolha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghat-tielet akkuza, u cioe' dik ta' ricettazzjoni.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq li sar fl-4 ta' Frar 2000 mill-fond KGM Bazar f'Haz-Zabbar liema serq sar ghad-detrminent ta' Maria Assunta Paris u liema serq kien aggravat bil-mezz u bil-valur. Kif diga' ntqal aktar 'il fuq l-imputat Brian Tanti ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv ghall-akkuza ta' ricettazzjoni. Ghalkemm l-imputat l-iehor George Tanti m'ammettiex l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu f'dawn il-proceduri jekk wiehed jara l-istqarrija minnu rilaxxjata a tempo vergine u esebita a folio 28 u 29 tal-process, isib li huwa kien ammetta b'mod skjett u inekwivoku l-involviment fis-serqa in kwisjtoni flimkien mal-imputat l-iehor Brian Mallia u ghalhekk il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-akkuzi migjuba minnha fil-konfronti tal-imputat George Tanti.

Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Brian Mallia l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejh mal-gustizzja u li ghalkemm huwa inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu huwa naqas milli juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet. Il-Qorti izda

kkunsidrat ukoll il-fatt li jidher li l-imputat Brian Mallia sa mill-bidu nett ikkopera bis-shih mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u r-refurtiva kwazi kollha giet ritornata lill-vittma u ghalhekk in vista ta' dan kollu li ghadu kemm inghad ser tigi mposta piena karcerarja lejn il-minimu.

In kwantu jirrigwarda l-imputat George Tanti l-Qorti qieset il-fatt li fiz-zmien meta gew kommessi r-reati li taghhom huwa qed jinstab hati huwa kien ghadu minorenni u anki l-fatt li huwa kkopera mal-Pulizijia fil-kors tal-investigazzjonijiet u li r-refurtiva giet kwazi kollha ritornata lill-vittma. Il-Qorti qieset ukoll li l-imputat George Tanti ghandu fedina penali netta (ara fedina penali aggornata esebita a folio 132 tal-process) u ghalhekk jidrilha li huwa ghandu jinghata l-opportunita' li jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Dejjem ghal finijiet ta' piena l-Qorti qieset ukoll li t-tieni akkuza, u cioe' dik ta' hsara volontarja, tista' titqies li kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 325, 31, 49 u 50 tal-Ligjiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Brian Mallia hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, salv ghat-tielet akkuza, u cioe' dik ta' ricettazzjoni stante li din ma tistax tirrizulta una volta li jirrizulta s-serq u mill-liema akkuza huwa qed jigi liberat, u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija b'effett millum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 325, 31 u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat George Tanti hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, salv ghat-tielet akkuza, u cioe' dik ta' ricettazzjoni stante li din ma tistax tirrizulta una volta li jirrizulta s-serq u mill-liema akkuza huwa qed jigi liberat, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------